**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN**

**19 ta' JANNAR, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri infurmat li ma setgħatx tattendi minħabba impenji familjari.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia presieda l-laqgħa.

**20.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

20.1.1 B'referenza għall-punt 19.2.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia faħħar l-inizjattiva tal-Kunsillier Joseph D'Amato u s-sotto kumitat Kultura fuq il-kunċert mill-Orkestra taż-Żurrieq li sar fil-Knisja Arċipretali Santa Katarina VM.

20.1.2 Ġew approvati l-minuti ta-dsatax -il seduta ta' din il-leġislatura.

*20.2 Ilmenti u suġġerimenti*

20.2.1 Kien hemm qbil li tintbagħat reminder biex isiru l-parking bays fi Triq Kalang Bugeja u Triq il-Luq.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie mitlub li jsiru double yellow lines fi Triq il-Luq mal-ġnub ta' garaxx 'Mardav' Triq it-Tin.

Iċ-Chairperson informa li hemm bżonn ta' refresh ta' zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza.

Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol kollu imsemmi.

20.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie avviċinat minn residenti ta' Triq Gożwalda Calleja fejn talbu li jiġi rranġat u jiżdied il-konkos li hemm fit-triq imsemmija, minħabba li meta tagħmel ix-xita qed jidħlilhom l-ilma fid-djar tagħhom.

Kien hemm qbil li l-Kumitat jitkellem mal-Kuntrattur tat-toroq biex jagħtih parir ta' x'jisa jsir u x-xogħol jiġi ordnat.

20.2.3 Inġibded l-attenzjoni fuq li s-siġar ta' Triq l-Arċipriet E Mifsud ma inżabrux mill-Kuntrattur Waste Collection Ltd, kif kien avżat li jagħmel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kient inżabret siġra waħda biss minn Triq l-Arċipriet E Mifsud.

20.2.4 Il-membru Kevin Sam Farrugia talab biex jinqata l-ħaxix minn Triq ir-Rettur u Triq l-Arċipriet E Mifsud. Kien hemm qbil li jiġi avżat il-kuntrattur ikkonċernat.

20.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bozza fuq arblu fi Triq Ħal Far ġiet installata u issa jonqos żewġ bozoz oħra biex jitwaħħlu hekk kif kien hemm qbil li jsiru mill-budget tas-sena 2016. Kien hemm qbil li ż-żewġ bozoz li jonqos jistgħu jiġu ordnati ħalli ssir komunikazzjoni waħda.

20.2.6 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li qed ikollu ħafna ilmenti fuq ir-rotot u l-ħinijiet tat-trasport pubbliku bin-numru 73. Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ma kienx ikkonsultat fuq il-bdil tar-rotot u li l-ilmenti li qed jagħmlu r-residenti huma kollha ġusti.
Iċ-Chairperson qal li ser iressaq dawn l-ilmenti ukoll, fis-seduta tal-Kunsill Lokali.

20.2.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li f'Misraħ Santa Marija kien hemm problema ta' riħa ta' drenaġġ. Saru r-rapporti lid-dipartiment ikkonċernat u l-ħsara ssolviet.

**20.3 Rapport tas-sena ħidma 2015**

20.3.1 Iċ-Chairperson ressaq rapport ta' sena ta' ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fejn ġie approvat li jinqara waqt il-laqgħa annwali. **Dok 1 mehmuż**.

**20.4 Budget sena 2016**

20.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport ta' infieq u dħul għas-sena 2015 u l-allokazzjoni tas-sena 2016. L-allokazzjoni għas-sena 2016 hi ta' €139.060 li jridu jittieħdu mill-allokazzjoni globali li jingħata l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. **Dok 2 mehmuż**.

**20.5 Laqgħa Annwali għall-hamlet ta' Bubaqra**

20.5.1 Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali ssir fis-sala tal-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, 2016 fis-19:00.

***20.6 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

20.6.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:35 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 16 ta' Frar, 2016 fil-19:00.

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**